



Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6715/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0068(COD)

CODEC 244
UK 23

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-ftehim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Ungerija u l-Polonja

F'konformità mat-Trattati, id-drittijiet ta' informazzjoni tal-PE mhumix l-istess bħal dawk tal-Kunsill fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali. L-għoti ta' informazzjoni estiża mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont dan ir-regolament huwa ġġustifikat bin-natura speċjali tal-Ftehim dwar il-ħruġ u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jiġifieri li dawn ġew konklużi ma' eks stat membru tal-UE.

Għaldaqstant, l-ebda parti f'dan ir-Regolament ma tista' titqies bħala interpretazzjoni espansiva tal-Artikolu 218(10) TFUE, li jistabbilixxi l-prerogattiva tal-Parlament Ewropew li jinżamm informat matul in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Konsegwentement, aħna nqisu li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet inkwistjoni, kif preskritt fil-premessa 8, tmur lil hinn mis-setgħat istituzzjonali rispettivi skont it-Trattati, ma tistabbilixxix preċedent ġenerali u ma għandhiex tiġi ripetuta f'regolamenti ta' implimentazzjoni futuri ta' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE.
